MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2003

Numru. 538/2003

PULIZIJA
SPETTUR SIMON GALEA
VS
JACQUELINE MACKAY SALIBA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Jacqueline Mackay Saliba ta’ 31 sena imwielda Pieta fit-30 ta’ Mejju 1972 mart Alan, bint Anthony Saliba u Mary xebba Vassallo u li toqghod 44, Preziosi Street, Lija u bin-numru tal-identita 251072M talli f’Gunju 2003 u f’xi xhur qabel f’dawn il-gzejjer b’diversi azzjonijiet maghmulin minnha fi zmienijiet differenti li jiksru disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:
Ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi

wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u dan ai termini tal-Artiklu 183 u 184 tal-Kodici Kriminali kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu minn wahda mid-dokumenti u cioe licenzja falsifikata u dan ai termini tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputata sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-11 ta' Lulju 2003 fejn l-imputata ammettiet ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghha il-Qorti ssib lill-imputata hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 183, 184 u 186 tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 u tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------